



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-7 ta' Ġunju 2021

# L-appoġġ li l-Frontex tagħti għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE mhuwiex sufficjement effettiv

Skont rapport speċjali li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), l-aġenzija tal-fruntieri tal-UE, jiġifieri l-Frontex, ma kinitx sufficjement effettiva biex tgħin lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati ma' Schengen fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE. L-awdituri jgħidu li l-appoġġ li l-Frontex tagħti mhuwiex adegwat fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera. Minbarra li kkonkludew li l-Frontex ma implimentatx bis-sħiħ il-mandat li kienet irċeviet fl-2016, l-awdituri jixħtu dubju wkoll fuq kemm hija kapaċi timplimenta b'mod effettiv ir-rwol operazzjonali l-ġdid li ġie assenjat lilha.

Il-Frontex inħolqot fl-2004 biex tindirizza t-tħassib tal-UE dwar il-fruntieri – terroriżmu, traffikar, u faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, pereżempju – flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali. Il-mandat tal-Frontex espanda gradwalment minn meta nħolqot, bħalma għamel il-baġit tagħha (minn EUR 19-il miljun fl-2006 għal EUR 460 miljun is-sena l-oħra). Minkejja dan, l-awdituri tal-UE sabu li l-Frontex għadha mhijiex qed tagħti appoġġ sodisfaċenti lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE.

*"Il-kompiti tal-Frontex fil-fruntieri esterni tal-UE huma essenzjali għall-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u l-immigrazzjoni illegali",* qal Leo Brincat, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. *"Minkejja dan, attwalment il-Frontex mhijiex qed teżerċita dak id-dmir b'mod effettiv. Dan huwa partikolarment ta' tħassib fi żmien meta l-Frontex qed tingħata aktar responsabbiltajiet."*

Fl-2016, il-Frontex irċeviet mandat ċar biex tagħti appoġġ għall-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera. Madankollu, l-awdituri sabu lakuni u inkonsistenzi fil-qafas għall-iskambju ta' informazzjoni, li jfixkel il-kapaċità tal-Frontex u tal-Istati Membri biex jimmonitorjaw il-fruntieri esterni u biex jirrispondu meta meħtieġ. Minbarra dan, l-attivitajiet tal-analiżi tar-riskju u tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mhux dejjem ikunu appoġġati minn *data* li tkun kompleta u ta' kwalità tajba. Fl-aħħar nett, l-operazzjonijiet konġunti fil-qafas

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

tal-kriminalità transfruntiera għadhom mhumiex żviluppatti suffiċjentement fl-attivitajiet ta' kuljum tal-Frontex.

L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni wkoll għal nuqqas ta' rappurtar dwar l-effiċjenza u l-ispejjeż tal-Frontex. Għalkemm tikkomunika b' mod estensiv dwar l-attivitajiet tagħha, il-Frontex rari tanalizza l-prestazzjoni tagħha jew l-impatt tal-attivitajiet tagħha. Lanqas ma tipprovdi informazzjoni dwar l-ispiża reali tal-operazzjonijiet konġunti tagħha.

L-awdituri sabu li l-aħħar evalwazzjoni esterna tal-Frontex kienet ġiet ippubblikata f' Lulju 2015. Barra minn hekk, meta fl-2019 ġiet approvat ir-regolament il-ġdid li jirregola xogħol il-Frontex, l-ebda valutazzjoni minn qabel ma kienet ikkontribwiet għalih. Iżda għab bidla fundamentali fl-attività tal-Frontex, billi ttrasforma r-rwol tagħha minn wieħed ta' funzjoni ta' appoġġ u ta' koordinazzjoni għal dak ta' servizz operazzjonali. Biex twettaq il-mandat il-ġdid tagħha, il-Frontex se jkollha sa 10 000 membru tal-persunal operazzjonali għad-dispożizzjoni tagħha sal-2027 (il-forza tax-xogħol ammontat għal 750 fl-2019), għalkemm għadu mhuwiex ċar li dawn se jkunu jistgħu jiffunzjonaw kif maħsub. Il-baġit tagħha huwa mistenni jirdoppja għal madwar EUR 900 miljun kull sena – ċifra kbira li ġiet deċiża mingħajr l-ebda tentattiv biex jiġi ddeterminat dak li l-Frontex se teħtieġ biex twettaq il-mandat il-ġdid tagħha, u mingħajr l-ebda valutazzjoni tal-impatt tagħha fuq l-Istati Membri. B' riżultat ta' dan kollu, fid-dawl tal-fatt li l-Frontex għadha ma adattatx għar-rekwiżiti tal-mandat tagħha tal-2016, l-awdituri jqisu li din għadha mhijiex lesta li timplimenta l-mandat tagħha tal-2019 b' mod effettiv.

### Informazzjoni ġenerali

Fl-2019, l-awdituri tal-UE eżaminaw l-operazzjonijiet ta' ritorn imwettqa mill-Frontex fir-[rapport speċjali dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni](#) fil-Greċja u l-Italja. L-awditu tal-prestazzjoni li ġiet ppubblikat illum jiffoka fuq l-erba' attivitajiet primarji l-oħra tal-Frontex: monitoraġġ tas-sitwazzjoni, analiżi tar-riskju, valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u rispons operazzjonali. Flimkien, fl-2019 dawn l-attivitajiet kienu jirrappreżentaw kważi żewġ terzi tal-ispejjeż operazzjonali tal-Frontex.

Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2021: "L-appoġġ li l-Frontex tagħti lill-ġestjoni tal-fruntieri esterni: mhuwiex suffiċjentement effettiv sal-ġurnata tal-lum" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.

Aktar tard din is-sena, il-QEA se toħroġ ukoll rapporti tal-awditjar dwar il-[politika tal-UE dwar ir-ritorn ta' migranti](#) u dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti jiddaħħlu fil-prattika.

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju stampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547